# FONZU JAQLA' U JAGĦTI RIGAL

## Kitba ta' Suzanne Piscopo. Stampi ta' Michael Piscopo

Darba waħda Fonzu l-Fenek mar iżur lil ħabiba tiegħu Lola n-Nannakola. Lola kellha ġnien żgħir mad-dar tagħha fejn kienet tkabbar xi ħaxix u frott. X'ħin ħarġu fil-ġnien Lola newlitlu bixkilla lanġas. Qaltlu li tant kellha lanġas fis-siġra li ma kenitx taf kif ser tiekolhom kollha u ma reditx li jinħlew. Lola kienet taf kemm hawn tfal fid-dinja li huma bil-ġuħ u mhux sew li inti tarmi l-ikel filwaqt li oħrajn lanqas għandhom x'jieklu.



Wara li tkellmu ftit, Fonzu mar lura d-dar. X'kien ser jagħmel bil-lanġas li tatu Lola? L-ewwel ħasel u qaxxar il-lanġas u qattagħhom biċċiet żgħar. Nofshom għasarhom fil-blender u ffriżahom bħala silġiet. Dawk kien jużahom darb'oħra biex jagħmel granita.

Il-lanġas li kien fadallu tefagħhom ġo skutella, żied ftit jogurt tal-frawli u ħawwad kollox. Imbagħad qiegħed l-iskutella fil-friġġ. Kellu d-deżerta lesta għall-ikla ta' filgħaxija.

Fonzu kien iħobbu ħafna l-frott u xtaq jagħti rigal lil Lola biex jirringrazzjaha. X'seta' jivvinta? Ħaseb ftit u ftakar f'programm li kien ra dwar tfal ġo raħal fl-Afrika li kienu jagħmlu ġugarelli u ornamenti minn affarijiet mormija. "Iva, naf x'ser nagħmel," qal bejnu u bejn ruħu Fonzu.



Ġab mazz rivisti li kien tefa' fil-borża l-griża għar-riċiklaġġ. Qatta' l-paġni waħda waħda u twihom fi strippi. Imbagħad waħħal l-istrippi waħda mal-oħra bit-tejp. Wara qabad lapes u beda jrembel l-istrippa madwar il-lapes sakemm kellu bħal rota kbira. Waħħal biċċa tejp mat-tarf u qala' r-rota minn mal-lapes. Għafas in-nofs tar-rota u fforma skutella. Qabad pinzell u dellek l-iskutella minn barra u minn ġewwa bil-kolla. Ir-rigal għal Lola kien lest.



L-għada Fonzu mar iżur lil Lola u taha l-iskutella. Tgħidx kemm ħadet gost biha. Fil-pront imlietha lanġas, għeneb u tadam mill-ġnien tagħha. Issa l-mejda tal-kċina kienet vera kkulurita – kuluri tal-qawsalla!